353

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
21 DEC 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

FIT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

| | |
|---|---|
| Numru ta' Referenza | EC/00168/22 |
| Appellant | Francis Xavier Tabone<br>obo Gozo Club Developments Ltd |
| Site | Site at Triq ta' Ghammar, Għasri, Gozo |

**RIKORS TAL-APPELL ta' Francis Xavier Tabone obo Gozo Club Developments Ltd**

Jesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti ġie notifikat bl-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq bin-numru ta' referenza EC/00168/22 fuq il-premessa li l-esponenti għandu żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn żidiet u alterazzjonijiet ma' binja eżistenti.

Illi l-iżvilupp in kwistjoni kien jifforma l-mertu tal-permess numru PA 6077/07 li kien ġie approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar fl-10 ta' Marzu 2009.

Illi l-Avviż in kwistjoni inħareġ wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet *David Youngman v. L-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża Francis X. Tabone* (Appell Numru 15/2022 MCH, deċiż fid-9 ta' Novembru 2022) ai termini ta' liema ġie imħassar il-permess PA 6077/07.

Illi l-esponenti ser jippreżenta rikors għar-ritrattazzjoni tal-imsemmija sentenza.

Illi għalhekk l-imsemmi avviż inħareġ intempestivament stante li l-kwistjoni tal-illegalità allegata għadha *sub iudice*.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi l-Avviż EC/00168/22 għandu jiġi revokat.

Avv. Massimo Vella
43E, St Paul's Buildings
West Street
Valletta

Esponenti: Gozo Club Developments Ltd, St George's Buidlings, Triq Carlu Galea, Victoria, Gozo

Notifika: Awtorità tal-Ippjanar, St Francis Ravelin, Floriana

**ELENKU TAX-XHIEDA ta' Francis Xavier Tabone obo Gozo Club Developments Ltd**

1. L-esponenti għall-konferma tal-fatti dikjarati.

2. Rappreżentanti tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ.

3. Ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunal Ċivili sabiex jixhed dwar il-fatti tal-każ.

Avv. Massimo Vella
43E, St Paul's Buildings
West Street
Valletta